MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 12/2008

**APS Bank Ltd**

**Vs**

**George Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat fit-2 ta' Mejju 2008 il-bank qieghed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' tlett elef sitt mija u hmistax-il euro u hames centezmi (€3,615.05), rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-Agriplus Account numru 20000054157 bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) mit-30 ta' Gunju 2007.

Rat ir-risposta prezentata fis-27 ta' Ottubru 2008 il-konvenut eccepixxa li l-ammont pretiz hu ezagerat.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat:-

Mix-xiehda ta’ Louise Spiteri (seduta tal-25 ta’ Gunju 2008)[1] u d-dokumenti li pprezentat[2], hu evidenti li l-ammont pretiz hu dovut. Ma rrizultax li l-konvenut ghamel xi pagamenti fil-mori tal-kawza. Ghalkemm inghata l-opportunita’ sabiex iressaq il-provi in sostenn tad-difiza, fis-seduta tal-lum ma deherx u ma tressqux provi.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef sitt mija u hmistax-il euro u hames centezmi (€3,615.05), rapprezentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-Agriplus Account numru 20000054157, bl-interessi ta’ tmienja fil-mija (8%) mit-30 ta’ Gunju 2007.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol. 7; *“...u llum l-ammont indikat fl-avviz hu l-bilanc li fadal.”*.

[2] Fol. 8.-16.